# *MIXJA MAL-INĦAWI TAS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-MELLIEĦA: BEJN POEŻIJA U ARKEOLOĠIJA*

**Ernest Vella M.A. (Melit)**

Waħda mill-mixjiet favoriti tiegħi l-aktar fix-Xitwa hija li ninżel minn fuq il-pont (il-bridge), naqsam għal bitħa tas-Santwarju, niqaf ftit taħt il-loġoġ li bħal gallerija jitperrċu għal fuq il-Wied tal-Madonna sakemm l-għajnejn jixxabbtu mal-fdalijiet tal-għerien tas-Sellum. Minn hemm imbagħad jiżżerżqu għal ġol-Wied ta' Ruman ħalli jinżlu jitmewġu għal ġol-baħar tal-Għadira. Kemm il-darba tkun xi Grigalata, il-baħar jikxef l-iskoll, li fl-ewwel seklu qabel Kristu ġifen sfortunat Ruman inkalja ruħu mas-sikka f'nofs il-port tal-Mellieħa, jew tas-salini l-antiki li minnhom ir-raħal ħa l-isem.



Fig.1 L-Għerien tas-Sellum iħarsu lejn il-bajja tal-Għadira.

Hekk kif nidħol fil-bitħa tas-Santwarju għal mument qasir bħal ninsa l-ferneżija tat-triq il-prinċipali ġos-sikta tal-lok devot tas-Santwarju. Santwarju iddedikat lil Marija omm. Binja nofsha jekk mhux tliet kwarti imħaffra fil-blat ta' xifer li jpendel għal ġo wieħed mill-ħafna widien tal-Mellieħa. Post qaddis li min jaf kemm ra stejjer, qlub jinfetħu u jibku bil-ferħ jew bid-dwejjaq. Dan il-lok qaddis iggranfat mal-blat tal-għolja, jittawwal għal fuq it-triq prinċipali li sserrep sakemm tiżżerżaq bħal serp għal ġol-bajja tal-Għadira. U l-passi jtaptu fir-reżħa ta' Jannar mirjieħ jeħduni 'l barra, l-aħħar titwila lejn l-istatwa ta' San Pawl, xhieda tat-tradizzjonijiet Pawlini. Tradizzjonijiet li minkejja l-istudju tal-istorja refagħhom fuq l-ixkaffa, l-istudju tad-drawwiet jibqa' jgħożżhom u jqalleb fihom biex jislet l-istorja tat-twemmin missirijietna.

Hekk nibda tiela' t-telgħa ta' taħt is-Sur, u nieqaf nieħu nifs biex bħal nixrob il-veduta mifruxa li hemm quddiemi. Imbagħad nerġa' nħares lura biex bħal tifel żgħir noqgħod nitpaxxa u nimmaġina kif il-bennejja irnexxilhom iżewġu l-ġebla mal-blat. Jekk wieħed jinnota l-faċċata fuq in-naħa tal-lemin jara li parti mill-faċċata m'hix ġebla imma blata. Hawnhekk tista' tgħid li xogħol il-bniedem inagħqad ħaġa waħda man-natura. U nerġa' naqbad il-pass, il-wieħed wara l-ieħor sakemm nasal fuq setaħ ieħor.



Fig.2 Il-Faċċata tas-Santarju. Fiċ-ċirku jidher il-blat fil-faċċata.

Veduta oħra mill-isbaħ fejn il-ħarsa tittajjar għal fuq il-Wied ta' Ġnien Ingraw. Wied li mill-għolja ta'Qasam Barrani jittarraġ f'żewġ tarġiet kbar. Tarġiet li mal-ġenb tagħhom il-bniedem kompla jħaffer għadd ġmielu ta' għerien li mbagħad għalaq bil-ħitan tas-sejjieħ. U għal waqt qasir nilmaħ id-dellijiet tal-Melleħin li kienu jgħixu f'dan il-kumpless t'għerien hekk kif impinġija mill-inċiżitur Franċiż Jean de Houel.Imbagħad f'tebqa' t'għajn nara lil arkeologu Ġermaniż fil-bidu tas-seklu 20, Albert Mayr idur qalb l-għerien, josserva, iqis, ikejjel u jniżżel fin-noti tiegħu.



Fig.3 Parti mill-kumpless tal-Għerien ta' Ġnien Ingraw

Minn hawn il-mixja tkompli lejn il-għolja, naqbeż id-dar tal-anzjani, li issa hija offiża jekk ngħidulhom xjuħ, u nibqa' sejjer għal fuq l-għolja ta' Qasam Barrani. Hemm il-qasam tad-djar faċli tisthajlu jokkupa xi rħajjel iffortifikat ta' Żmien il-Bronż. Filfatt hemm min isostni li hemmhekk kien hemm xi fdal li bħal ħafna drabi inkinsu mingħajr ma qatt ġew imniżżla u studjati. Ġebel imdaqqas fix-xagħri huwa suġġestiv għal fdalijiet forsi antiki issa meqruda u minsija matul it-telfa ta' żmien... jekk qatt kienu jeżistu. Imma min jaf?

Imma mhux hekk il-Wied ta' San Niklaw. Il-passi jħufu qalb il-blajtiet tax-xagħri imfawwra bil-ħatba s-sewda

u s-sagħtar. L-art tibqa' sejra sakemm tinqata' fix-xfar ieħor. Xfar imħaffra b'sensiela t'għerien. Għerien li bħal dawk ta' Ġnien Ingraw u bħal tas-Sellum huma mkenna b'ħitan tas-sejjieħ. Hawn passaġġ jgħaqqad l-għerien ma' xulxin. Għerien li għandhom bosta x'jirrakkuntaw. Għerien fuq oħrajn li m'għandhomx taraġ biex titla minnhom. Għerien li hemm min jirrakkonta li dawn kienu jitilgħu għalihom permezz ta' sellum li mbagħad kienu jtellgħuh warajhom sabiex jistkennu mill-attakki tal-furbani. Furbani li ma serqux lil Malta biss fi żmien il-Kavallieri. Għerien li jħarsu għal fuq il-wied iħaddar bin-nixxiegħa ta' ilma, jew għajn li tgelgel minn ġol blat tal-għolja. Għerien li jħarsu lejn għar li jostor fih tmien oqbra mħaffra fit-tradizzjoni Punika u Rumana. Oqbra li wieħed minnhom saħansitra għandu mnaqqax fuqu salib b'nofs ċirku li jgħaqqdu mal-parti l-mimduda tas-salib. Għerien li jħarsu lejn wied fejn l-arkeologi sabu l-fdalijiet ta' fuħħar Preistoriku u wkoll Ruman. Imma fuq kollox dawn l-għerien iduru mal-għar kbir, jew fejn il-bdiewa xjuħ kienu jsejħulu l-knisja. U għaliex il-knisja? Għaliex f'dan il-għar kien hemm affresk imdaqqas li kien juri fost l-oħrajn il-Madonna. Affresk li bi sfortuna kbira qatt ma ġie ikkonservat u qiegħed jgħib minn quddiem għajnejna!

Il-mixja tiqaf hawn, jekk trid tista' tibqa' tkompli lejn il-Qammiegħ, fejn hemm ukoll l-oqbra u l-għerien imħaffra fil-blat. Jew lejn Irdum il-Ħmar fejn moħbi wara l-lukanda hemm il-kumpless ta' Għar Baqrat. Imma l-kesħa qiegħed tagħmel tagħha, ix-xemx li qajla dehret illum waslet biex tinżel u saqajja bħal għajjew u għalhekk nerġa' lura...imma mhux il-moħħ ta' arkeologu, li jrid jiskava ukoll jekk ma jmissx imqar traba waħda.

**Lill hinn mill-poeżija: l-Arkeoloġija**

Imma sewwa sew x'inhi l-arkeoloġija?L-Arkeoloġija hija l-istudju tal-imgħoddi tal-bniedem mill-fdalijiet li jkun ħalla warajh. Dan il-qasam normalment huwa assoċjat mal-iskavi ta' xi sit antik. Ngħidu aħna bħal xi tempju, jew oqbra. Min xi darba mar iżur postijiet bħat-Tempji ta' Ħaġar Qim, jew id-Dar Rumana, inkella żar xi bliet bħal Ruma, jew artijiet bħall-Eġittu u l-Art Imqaddsa, għandu idea ta' skavi arkeoloġiċi; fejn wieħed jista' jara, pedamenti mikxufa, fuħħar, statwi u mitt ħaġa oħra li turi kif il-ħajja kienet fl-imgħoddi.
Għalkemm l-iskavi ta' post huwa proċess importanti ħafna, dan mhux l-unika dixxiplina f'dan is-suġġett. Illum hemm oqsma oħra bħal ngħidu aħna l-Arkeoloġija tal-Pajsaġġ u l-Arkeoloġija tal-Arkitettura.

**L-Arkeoloġija tal-Pajsaġġ**

L-Arkeoloġija tal-Pajsaġġ, tipprova tifhem kif ifforma l-pajsaġġ matul l-istorja tal-bniedem. Dan tagħmlu billi tistudja l-firxa tal-postijiet, u kif il-bniedem organizza l-ispazji mibnija bħal toroq, djar, għelieqi, irziezet, knejjes u bini ieħor. It-tieni mod huwa li tara kif dan il-bini u l-fdalijiet jirrelataw ma' xulxin matul iż-żmien. Hekk kieku l-arkeoloġi qiegħed jiskavaw, l-eqdem bini jiġi qisu s-saff ta' taħt u l-bini l-aktar riċenti fis-saff ta' fuq nett.
Pereżempju wieħed jista' jistudja l-Girna jew ir-Razzett fil-kuntest tal-art. Jara kif il-fdalijiet tal-bniedem bħal ċimiterji antiki, għelieqi, ħitan tas-sejjieħ, giren, irziezet,kappelli u bini ieħor inbena suċċessivament wara xulxin. Ngħidu aħna jekk nieħdu l-kumpless ta' oqbra fil-Ħewwiexa f'Selmun, hemmhekk insibu fdalijiet ta' erba' oqbra ġo miġbel (barriera baxxa), rampa li tagħti għal għalqa imdawra bil-ħitan tas-sejjieħ, kalati (cart-ruts) li jieħdu lejn il-parti ta' fuq tax-xagħra tal-Ħewwiexa u trejqa fuq il-blat.
L-arkeologu jista' mingħajr ma jiskava jistudja r-relazzjoni li hemm bejn dawn il-fdalijiet. Hekk il-kalati setgħu saru qabel jew fi żmien l-oqbra. L-oqbra saru qabel l-għalqa u l-miġbel. Filfatt meta ħaffru l-miġbel, tal-anqas kissru żewġ oqbra. F'xi żmien wara,inbnew il-ħitan tas-sejjieħ mill-ġebel meħud mill-miġbel li parti minnu tibqa' sejra taħt l-għalqa. It-triq hija l-aħħar waħda li saret.Imbagħad dan kollu jista' jitqabbel mad-dokumentazzjoni storika bħal mapep, kuntratti u rapporti. Hekk kieku kull żvilupp nimmaġinawh daqs li kien saff trab, ikollna riżultat bħallikieku skavajna bl-eqdem saff ikun taħt nett (ara ritratt u t-tabella).




Fig 4. Il-kumpless tal-Oqbra fil-Ħewwiexa f'Selmun. (Ara n-numri fit-tabella).

| | | |
|---|---|---|
| Saff 7 l-aktar riċenti | It-triq li taqsam ix-xagħra, li tagħti aċċess għall-għalqa ta' fuq il-miġbel. | Din qatgħet l-użu tar-rampa |
| Saff 6 | Ir-rampa, sabiex tagħti l-aċċess għall-għalqa | Wara li tlestiet l-għalqa. |
| Saff 5 | L-Għalqa li tagħti parti mill-miġbel | Għall-aħħar tas-seklu 19 u bidu tas-Seklu 20 |
| Saff 4 | Ħitan tas-sejjieħ li jgħalqu l-għalqa | Inbnew wara t-tħaffir tal-miġbel |
| Saff 3 | Miġbel (Barriera), li qerdet parti mill-kumpless tal-oqbra | Tidher fil-pjanta tal-1903, aktarx li tħaffret bejn l-1860 u l-1900 |
| Saff 2 | Oqbra tal-Perjodu Ruman | L-ewwel sat-tielet seklu Wara Kristu |
| Saff 1 l-eqdem | Il-Kalati li jibqgħu sejrin għal taħt ir-rampa | Juru li kien hemm miġbel taħt l-għalqa aktar antik minn dak li kisser il-kumpless t'oqbra. |




Fig 5. Tabella turi l-iżvilupp li sar fix-Xagħra tal-Ħewwiexa f'Selmun mill-fdalijiet li ħalla l-bniedem.

**L-Arkeoloġija tal-Arkitettura**

Qasam interessanti tal-Arkeoloġija huwa l-istudju tal-iżvilupp tal-bini li wieħed isib waqt skavi jew saħansitra ta' bini li għadu wieqaf sħiħ. Pereżempju wieħed jista' jistudja kif kumpless ta' rziezet żviluppa, li parti inbniet l-ewwel u liema parti inbniet l-aħħar. Jekk il-pedamenti hux qiegħed jistrieħu fuq fdalijiet ta' bini aktar antik. Ngħidu aħna, bini ta' żmien il-Kavallieri jista' jkun qiegħed jistrieħ fuq pedament ta' bini ta' żmien ir-Rumani. Hekk naraw partijiet ta' swar fuq ġewwa tal-Imdina li għandhom ġebel ta' żmien ir-Rumani u fuqhom knaten Medjevali. Il-Kavallieri li għamlu ksew dawn il-ħitan antiki b'qoxra aktar moderna li tiflaħ għal balal tal-kanuni.

**Il-kumpless tas-Santwarju: Bżonn ta' studju ġdid?**

Huwa b'kumbinazzjoni li fuq kull naħa tas-Santwarju hemm l-għerien bi fdalijiet ta' fuħħar Ruman jekk mhux aktar antik? Huwa b'kumbinazzjoni li s-Santwarju huwa imperreċ fuq għolja li tħares fuq daħla li setgħet serviet ta' port antik? Huwa b'kumbinazzjoni li s-Santwarju qiegħed maġenb it-triq prinċipali li tieħu għal Għawdex, li xi wħud kienu jużaw bħala rotta għal Sqallija?

Fig 6. Mappa turi l-firxa tal-kumplessi t'għerien: is-Santwarju (1), Tas-Sellum (2), Ġnien Ingraw (3), San Niklaw (4), l-Oqbra ta' San Niklaw (5). (Mappa: MEPA)

X'kienu l-fatturi li wasslu li l-kumpless ta' San Niklaw jisfa abbandunat iżda l-kumpless tal-Madonna tal-Mellieħa baqa' u żviluppa f'lok qaddis?

Jeħtieġ li nibdew naraw il-kumpless tas-Santwarju fil-kuntest tiegħu, jiġifieri fil-madwar tiegħu. Hemm bżonn li naraw dan fil-kuntest Ġeografiku, jiġifieri fit-tip ta' art li jinsab fih, il-qorob lejn riżorsi ta' ilma, ta' baħar, ta' abitati, ta' toroq. Jinħtieġ li naraw il-kumpless tas-Santwarju fil-kuntest Arkeoloġiku fejn dan il-lok huwa mdawwar bi xfar imħaffra f'kumplessi t'għirien li kienu miżgħuda bil-fdalijiet ta' komunitajiet antiki. Hemm bżonn nerġgħu nagħtu titwila lejn id-dokumentazzjoni storika, forsi f'irkejjen li għadna ma rajniex, jinħtieġ nistaqsu mistoqsijiet li qabel ma staqsejnix. Ta' min ukoll jerġa' jgħarbel il-leġġendi u t-tradizzjonijiet. Dawn mhumiex biss stejjer ħelwin, l-Antropologu jista' jorqom minnhom interpretazzjonijiet ta' kif il-poplu Mellieħi esperjenza l-art Melleħija b'mod partikulari s-Santwarju. Jista' jkun li fihom hemm traċċi ta' verita li qatt ma ġiet innutatha. Għalkemm nafu li l-pittura preżenti żgur ma ġietx impittra fl-ewwel sekli, t-tradizzjoni jista' jkun tirrifletti li dan il-post għandu għeruq antiki, anke jekk mhux bilfors għeruq Kristjani.

**Bibjografija**

Saliba Raymond, 2002 Il-Madonna tal-Mellieħa, f'*Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien,* Catania Joe editur. Kunsill Lokali Mellieħa. pp 211-224

Vella Ernest, 2002 Il-wirt arkeoloġiku tal-qedem, f'*Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien,* Catania Joe editur. Kunsill Lokali Mellieħa. pp 25-39

Vella Ernest, 2010 A Landscape Archaeology Approach to the study of the Maltese *Girna*: A case study based on the areas of Ix-Xagħra l-Ħamra, id-Dar il-Bajda and Ta' l-Għansar in Northern Malta . University of Malta

*Ernest Vella speċjalizza fil-qasam tal-Arkeoloġija dwar kif tista' tistudja strutturi bħal Giren permezz tal-Arkeoloġija tal-Pajsaġġ u tal-Arkeoloġija Arkitettonika.*